# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001.**

**Numru 7**

**Citaz. numru 172/85 JF**

**Francis Xavier Aquilina**

**vs**

**Emmanuel J. Aquilina u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1993 stante l-mewt ta' Lino Aquilina l-atti gew trasfuzi f'isem Margaret armla ta' Lino Aquilina, f'isimha proprju u bhala mandatarja verbali kostitwita ta' bintha Emma Aquilina, kif ukoll Anthony, Edgar, Erminia Borg Testaferrata, Joseph, Helen u Julia ahwa Aquilina**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut huh, illum mejjet, bis-segwenti att tac-citazzjoni :-

"L-attur ippremetta li l-kontendenti kienu l-unici zewg socji tal-Kumpanija "M.C.L. Limited", u f'Dicembru 1978, kienu ftehmu li jbieghu kwantita' ta' "stocks" u jaqsmu bejniethom ugwalment l-introjti mill-bejgh u dan naturalment bhala 'drawings' mis-socjeta';

Premess li l-attur inkassa valur ta' hamest elef mija u hamsin lira (Lm5,150) filwaqt li l-konvenut spicca dahhal madwar hamsa u tletin elf lira (Lm35,000), b'mod li l-konvenut kien messu hallas lill-attur bhala sehmu bilanc ta' cirka erbatax-il elf disa' mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm14,925);

Premess li l-konvenut naqas li jaghti lill-attur dak li jmissu skond l-imsemmi ftehim;

Premess li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija m'ghandhiex ;

1. tikkundanna lill-konvenut jaghti lill-attur rendikont ezatt u fidil tal-flus li gabar in ezekuzzjoni tal-ftehim imsemmi;

2. tipprefiggi lill-konvenut terminu qasir u perentorju ghal dak l-iskop;

3. tillikwida dik is-somma li tispetta lill-attur a bazi tal-imsemmi rendikont u ta' dak li jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

4. tinnomina periti ghall-finijiet tal-istess likwidazzjoni;

5. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat ;

Bl-interessi skond il-ligi u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra interpellatorja."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut hekk eccepixxa :-

"Illi l-allegazzjoni li l-eccipjenti personalment dahhal madwar hamsa u tletin elf lira (Lm35,000) hi nfondata fil-fatt. L-eccipjenti bhala direttur tas-socjeta' M.C.L. Limited gabar somma ferm inqas minn dik allegata u dina ntuzat fl-intier taghha biex jithallsu

> l-kredituri tas-socjeta' M.C.L. Limited u ma gietx inkassata mill-eccipjenti bhala 'drawings' mis-socjeta'. Kwindi l-eccipjenti m'ghandu jaghti xejn lill-attur."

**ECCEZZJONI ULTERJURI**

Il-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (F) tal-Kodici Civili.

**DECIDE**

B'sentenza tat-13 ta' Marzu 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjoni originali tal-konvenut li personalment ma kellu jaghti xejn lill-attur in kwantu kull ma sar minnu kien bhala direttur tas-socjeta' M.C.L. Limited u ghalhekk huwa ma kienx il-legittimu kontradittur tal-attur, cahdet it-talbiet kollha attrici in kwantu dawn gew diretti kontra l-konvenut personalment. Bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-attur u b'rizerva si et quatenus lill-istess attur li okkorendo jagixxi kontra l-legittimu kontradittur skond il-ligi.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Ikkunsidrat li qabel xejn ghandu jigi pprecizat li din il-kawza f'certu stadju bdiet tinstema' flimkien ma' kawza ohra istitwita mill-attur kontra l-konvenut proprio et nomine (Citazzjoni numru 1381/84) dwar allegata approprijazzjoni indebita da parti tal-

konvenut proprio et nomine koncernenti inkassi u gbir ta' flus rikavat mill-bejgh ta' prodotti u xoghol appartenenti lill-attur, liema produzzjoni saret fl-impjant tas-socjeta' M.C.L. Limited li taghha l-kontendenti ghamlu zmien diretturi u azzjonisti. Kem,m f'din il-kawza kif ukoll fil-kawza l-ohra surreferita – imhollija ghal-lum ukoll ghad-decizjoni giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali a bazi ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap 16 Ligijiet ta' Malta).

Ikkunsidrat li apparti l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni, originarjament il-konvenut issolleva eccezzjoni ta' natura legali li ghalkemm hija kemmxejn koinvolta tal-meritu in kawza timplika wkoll li personalment il-konvenut ma kellu x'jaqsam xejn mal-gbir ta' flejjes dovuti u mhallsin lis-socjeta' M.C.L. Limited li taghha, flimkien ma' huh l-attur, kien ko-direttur, Managing Director u azzjonist. Fil-fatt, il-konvenut, ikompli jispjega fl-istess eccezzjoni originali li kull flus li seta' gabar sar minnu bhala direttur tal-imsemmija socjeta' M.C.L. Limited u qatt f'vece jew xort'ohra. Effettivament anki l-provi prodotti – pjuttost skarzi u mgebbdin ad oltranza sija naha sija naha ohra – jevidenzja dak li qieghed jeccepixxi l-imsemmi konvenut Emanuel J. Aquilina, li miet fil-mori tal-kawza – jigifieri li l-operat kollu dejjem sar ghan-nom u fl-interessi ta' din il-kumpanij anke bl-involviment ta' impjegati taghha. Mela dan juri li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tista' titqies li hija dik li huwa mhux responsabbli di fronte l-attur in kwantu dan qed jitlob minnu rendikont tal-gestjoni kummercjali tas-socjeta' M.C.L. Limited in kwantokker huwa (ie. l-konvenut proprio) ma kienx il-legittimu kontradittur ta' l-attur u ma seta' qatt jigi mgieghel u kkundannat li jforni r-rendikont mitlub fl-att tac-citazzjoni.

Ikkunsidrat ukoll li jekk wiehed jezamina sew ix-xhieda moghtija mill-partijiet din ukoll turi kjarament li l-gestjoni tan-negozju bejn il-kontendenti dejjem gie kondott taht il-kappa tas-socjeta' M.C.L. Limited – komplikat bil-fatt li d-diretturi huma ahwa, li kienu kwazi huma t-tnejn li kienu jmexxu kollox, daqqa wiehed u daqqa l-iehor, u dana kollu fi sfond u b'qafas mill-aktar vag, imhawwad u indefinit. Ghall-istess raguni anke meta l-attur innifsu jghid li hu lahaq dahhal xi flejjes, dan seta' ghamlu biss bhala ko-direttur u qatt f'ismu proprju.

Illi mis-suespost jirrizulta ghalhekk illi kull rendikont li kellu dritt jitlob u jesigi l-attur ma setax jaghmlu di fronte l-konvenut proprio imma biss kontra s-socjeta' M.C.L. Limited u minn jirrapprezentaha. Sfortunatament din il-kawza hadet hafna tul ta' zmien biex tigi determinata u meta waslet quddiem din il-Qorti kif odjernament presjeduta kien jidher li l-konvenut thalla jipprezenta xi forma ta' noti kjarifikattiva fi speci ta' rendikont – hekk ara Dok

LA1 u Dok LA2 ( a fol. 44 – 45 tal-process) minghajr ukoll pero' ma giet dibattuta kif jixraq l-import ta' l-eccezzjoni originali – ghalkemm minn dawn ir-"rendikonti" skeletrici jidher li dak kollu li kien qieghed isehh kummercjalment bejn il-kontendenti kien fl-ambitu tal-assocjazzjoni taghhom fil-M.C.L. Limited. Per ezempju, insibu fost ohrajn it-tali precisazzjoni mill-konvenut fid-Dok LA1 (fol. 44).

> "Ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 1978 jiena u hija Francis X. konna thadditna sabiex inbieghu qabda merkanzija u naqsmu l-bejgh bhala "reversal of capital". Dak iz-zmien kien ghadni kif irritornajt ghax-xoghol wara assenza ta' snin, ghax kien qieghed imexxi hija Francis X."

M'ghandux ikun hemm dubbju li dana kollu kien relatat man-negozju tal-M.C.L. Limited u l-ebda involviment tal-konvenut personalment."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

L-attur appella minn din is-sentenza ghax isostni li l-ewwel Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni legalment erroneja meta sabet illi l-konvenut appellant ma kienx personalment responsabbli fil-konfront tal-appellant. Dana meta bhala fatt kien gie stabbilit illi l-konvenut kien il-legittimu kontradittur tal-attur billi l-mertu kien jirrigwada fatti li fihom hu kien qieghed jagixxi mhux f'isem is-socjeta' izda f'ismu proprju "Dan ghaliex meta l-konvenut deliberatament u b'mala fede injora ftehim li kien dahal fih qua direttur tas-socjeta' flimkien mal-appellant u ghamel minflok dak li ried u deherlu billi mhux biss ma qasamx ir-rikavat mill-istock mibjugh, hekk kif miftiehem u dan in vjolazzjoni tal-istess ftehim, imma sahansitra zamm l-istess rikavat kollu kemm hu f'butu, personalment, b'mod frawdolenti. Ikompli jissottometti illi meta l-konvenut agixxa

b'dan il-mod ma seta' qatt kien qieghed jagixxi taht il-kappa tas-socjeta' u wisq anqas qua direttur f'isimha. Huwa kien qieghed jagixxi f'ismu proprju u kellu responsabbilita' personali ghaliex f'dan il-kaz "taqa' l-*corporate veil*" li tiddistingwi persuna fizika minn persuna guridika ohra." Aggravju interessanti li kien ikun jimmerita approfondiment da parti tal-Qorti li kieku kien b'xi mod sostnut mill-provi. Ma kienx bizzejjed ghall-appellant illi huwa fir-rikors tal-appell jistqarr kif jidhirlu li kienu l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza. Kien mehtieg li dawk il-fatti jigu provati sodisfacentement ghaliex kien biss permezz ta' tali prova li setghu jigu sostnuti l-premessi ghat-talba attrici. Prova illi l-appellant naqas b'mod l-aktar lampanti li ghamel.

Gjustament l-ewwel Qorti rrimarkat illi l-provi prodotti kienu skarsi u mgebbdin ad oltranza sia naha u sia ohra. F'kawza ta' din ix-xorta fejn l-attur qed jallega prattikament mizappropriazzjoni frawdolenti da parti tal-konvenut fil-kondotta ta' negozju mifrux fuq medda ta' snin, kien jinkombi fuq min jallega u cioe' fuq l-attur l-oneru li jipproduci b'mod konkluziv mhux biss il-prova tal-fatt li l-konvenut inkassa l-kapitali allegatament mizappropjati imma wkoll illi dawn inkassahom a vantagg personali tieghu. Minn dan kollu l-appellant ma jipprova assolutament xejn hlief ghad-dikjarazzjonijiet guramentati li ghamel li fihom semplicement irrepeta l-allegazzjonijiet tieghu minghajr ma ssostanzjahom. Il-kaz imbaghad tal-appellant ikompli jfalli bhala konsegwenza tal-linja difenzjonali tal-istess appellat illi in prattika

jallega illi l-istess attur zamm f'idejh indebitament somma ta' hamest elef mija u hamsin lira li kienet tappartjeni lis-socjeta' li taghha kien direttur u li kellha allura tidhol fl-assi socjali. Dana waqt illi jikkontesta l-allegazzjonijiet kollha li l-appellant ghamel fil-konfront tieghu u senjatament dik li huwa qatt kien inkassa u zamm ghalih personalment xi kapitali li kienu dovuti mis-socjeta'. Fil-verita' l-unika prova li tirrizulta fil-process hija dikjarazzjoni guramentata tal-kontendenti li jaghtu verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin u li effettivament jinnewtralizzaw wahda lill-ohra. Kienet sitwazzjoni li setghet biss tigi zblokkata b'indagini serja fir-rigward tal-operazzjonijiet kummercjali allegatament kondotti mill-appellat u li bhala konsegwenza taghhom l-appellant qed jippretendi illi huh kien immizappropija xi flus tas-socjeta'. Kienet sitwazzjoni li tezigi indagini tal-kotba tas-socjeta' li minnhom seta' presumibilment jigi verifikat u stabbilit jekk kienx minnu li saru l-pagamenti allegati mill-attur. Dan ghaliex fuq kollox l-appellat konvenut jikkontesta li huwa kien inkassa l-ammont allegat anke jekk f'isem is-socjeta'. Rintraccjati dawn il-pagamenti u kemm kienu, kien ikun possibbli li jigi wkoll verifikat jekk dawk l-ammonti kienux jew le baqghu fl-attiv tas-socjeta', jekk kienux gew, kif allegat mill-konvenut, imhallsa lid-diversi kredituri fosthom id-Dipartiment tal-Agrikoltura, l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u bdiewa ghax-xiri ta' prodott u cioe' tal-materja prima li biha s-socjeta', li taghha kienu azzjonisti u diretturi, kienet topera.

Fl-isfond ta' dan kollu kellu jkun ovvju illi l-azzjoni attrici kif proposta kienet tinvolvi investigazzjoni fl-operat tat-tmexxija u tal-amministrazzjoni tal-attivita' kummercjali kondotta mis-socjeta' li taghha l-kontendenti kienu diretturi, attivament interessati fil-gestjoni taghha, fi zminijiet differenti kemm flimkien u kemm separatament. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi ma kien jirrizulta minn imkien mill-atti illi dak li inkassa l-konvenut – kien kemm kien l-ammont – kien inkassah fl-isem u fl-interess tas-socjeta' M.C.L. Limited. Anke jekk jigi koncess illi kienet ittiehdet decizjoni – din il-Qorti tghid mis-socjeta' – sabiex stock tal-istess socjeta' jinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg kontendenti, una volta hu pacifiku illi dan l-istock kien ta' proprjeta' ma jistax ikun mod iehor hlief li r-rikavat ta' dak il-bejgh kellu jmur qabel xejn fl-assi socjali. Kien biss minn hemm li seta' jitqassam in toto jew inparte bejn il-kontendenti qua azzjonisti.

Dan ghaliex ftehim ta' din ix-xorta ma seta' qatt jippregudika lis-socjeta' nnifisha. Dan ghaliex jekk jirrizulta illi r-rikavat mill-bejgh gie effettivament utilizzat biex jithallsu l-krendituri tas-socjeta', dan ikun a vantagg tal-istess kontendenti, qua azzjonisti, in kwantu s-socjeta' taghhom tkun qed tigi liberata mill-piz tad-debiti. F'kull kaz ma jirrizultax provat li kien hemm xi ftehim <u>bejn is-socjeta'</u> u l-kontendenti <u>personalment</u> li bih l-istess socjeta' accettat illi jinbiegh stock u li r-rikavat tieghu imur direttament ghand l-azzjonisti. Anke li kieku kellu

ghall-grazzja tal-argument jigi accettat il-ftehim ta' din ix-xorta kien sar, dan ma jistax jitqies li jkun wiehed regolari in kwantu jkun immirat biex jippregudika l-interessi tal-kredituri tas-socjeta' u tas-socjeta' nnifisha.

Certament ma kienx lecitu ghall-kontendenti qua diretturi illi jikkonkludu ftehim bhal dan u tali agir seta' jesponihom ghall-proceduri f'sede ohra in kwantu jkun immirat biex jippregudika l-interessi ta' terzi a skapitu tal-interessi personali taghhom infushom qua azzjonisti. Dana apparti l-fatt li ma jirrizulta bl-ebda mod provat illi l-flus inkassati mill-konvenut ma baqghux fis-socjeta' imma gew minnu personalment appropriati.

Hu aktar minn ovvju illi l-akkuzi reciproci tal-partijiet fir-rigward tal-amministrazzjoni tas-socjeta' li fiha kellhom interess indaqs, kellhom qabel xejn jigu epurati u kristalizzati fl-isfond ta' indagini akbar li tinvesti ezami tal-kontijiet tas-socjeta', possibilment ukoll f'ezercizzju ta' likwidazzjoni tal-istess. Kien biss bhala rizultat ta' indagini wiesa' ta' din ix-xorta li wiehed seta' jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm fil-fatt, minn xi parti in kawza kif allegat, agir frawdolenti bi pregudizzju qabel xejn tal-istess socjeta' u b'mod indirett ukoll tal-azzjonista taghha. Kjarament ma setax wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi d-direttur inkassa xi flus dovuti lis-socjeta' f'butu personalment sakemm dan ma jkunx qabel xejn irrizulta bhala fatt mill-kotba tal-amministrazzjoni tas-socjeta'. Dan dejjem salva l-premessa illi l-ammonti li kienu nvoluti kienu dawk dovuti minn debituri tas-socjeta' u l-agir frawdolenti kieku kellu jigi

provat, kien ikun qabel xejn a detriment u bi pregudizzju tas-socjeta' M.C.L. Limited li kellha certament interess gjuridiku illi tipprocedi biex tissalvagwardja l-jeddijiet taghha. Dan qed jinghad ukoll ghar-raguni illi kieku tirrizulta gustifikata t-talba attrici fuq il-premessi dedotti ghat-talba, kull ammont li talvolta jirrizulta dovut mill-konvenut ma kellux fl-ewwel lok ikun kreditat lill-attur personalment imma lis-socjeta' M.C.L. Limited li ma kienitx parti f'din il-kawza. Anke ghal dawn ir-ragunijiet l-appell ma setax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Dep/Reg

mg